**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru: 1170/2022DC**

***Gerald Xuereb (I.D. 256076M)***

***vs***

***STM Malta Pensions Services Ltd.  (C 51028***

**Illum, 18 ta' Settembru,  2023**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Gerald Xuereb detentur tal-karta tal-identità ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2022, permezz ta' liema ppremetta s-segwenti:-

1. *Illi l-esponent impjega ruħu fuq bażi 'full-time' mas-soċjetà intimata* **STM Malta Pensions Services Ltd.** *fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena 2020 bħala 'Relationship Manaġer' fuq kuntratt indefinit (Anness u mmarkat bħala 'Dok.A');*

2. *Illi fit-30 ta' Novembru 2021, ir-rikorrent għamel zvelar intern protett ai termini tal-artikoli 9 u/jew 11(3) u/jew 12 u/jew 14 tal-Kap 527 l-Att dwar il-Protezzjoni ta' Informatur fir-riġward prattiki mħux xierqa li fost oħrajn kienu jirriġwardaw l-Kap Eżekuttiv tas-soċjetà intimata, Deborah Schembri. (Vide dokument anness u mmarkat bħala 'Dok. B');*

3. *Illi ftit taż-żmien wara illi dan seħħ, ir-rikorrent bħala informatur sab ruħu fil-mira ta' diversi atti ta' detriment fuq il-*

*post tax-xogħol bi preġudizzju enormi għas-saħħa tiegħu u kif ukoll ekonomiku;*

4. *Illi fost oħrajn u kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent twarrab u beda jiġi njorat u ma bediex jingħata l-għajnuna u s-sostenn meħtieġ sabiex ikun jista jagħmel xogħolu b'suċċess;*

5. *Illi sussegwentement, l-atti ta' detriment ikkulminaw fid-deċizjoni tas-soċjeta ntimata li tittermina l-impieġ tal-informatur rikorrenti fid-29 ta' Settembru 2022. (Vide Dok Ċ anness);*

6. *Illi r-rikorrent jinsisti illi r-raġunijiet li ingħataw lilu fir-riġward id-deċizjoni li jagħmluħ 'redundant' ħuma għal kollox kimeriki u d-deċizjoni tat-terminazzjoni saret għal raġunijiet ulterjuri bħala forma ta' detriment fil-konfront tiegħu minħabba l-izvelar intern li ħuwa kien għamel ftit xħur qabel;*

7. *Illi l-persuni nvoluti kemm fid-deċizjoni tat-terminazzjoni u kif ukoll fl-appell intern minn tali deċizjoni ħuma lkoll persuni li kienu jafu ben sew bl-iżvelar protett u kienu l-istess persuni li għamlu numru ta'atti detrimentali kontra r-rikorrent presubilment bit-tama li jisfurzawħ jirriżenja - bħal ma del resto effettivament għamlu ma ħafna kolleġi oħra; Tant u hekk, illi nofs il-firmatarji tal-ittra li permezz tagħha sar l-iżvelar ma għadħomx aktar impjeġati mas-soċjeta ntimata wara li kienu ġew identifikati;*

8. *L-atti detrimentali surreferiti fil-konfront tar-rikorrent jinkludu l-fatt illi huwa ingħata 'Tarġets' li kienu impossibli li jilħaq mingħajr ebda diskussjoni mar-rikorrent minkejja li dan tal-aħħar ilmenta dwar dan bil-miktub;*

9. *Illi wara illi l-esponent kien ikkontesta id-deċiżjoni tat-terminazzjoni, kellu jinħatar persuna sabiex tieħu ħsieb l-'independent post-review report', fejn din l-istess persuna kellha timxi b'mod imparzjali fil-konfront tal-esponent (Anness u mmarkat bħala 'Dok E');*

10. *Illi l-persuna illi inħatret għal dan il-'independent post-review report' kien is-Sur Keith Psaila wieħed mid-Diretturi , illi kien wieħed mill-persuni preżenti fil-laqa' tal-Bord tas-soċjeta ntimata fejn ġie deċiż li jitwaqqaf prodott partikolari li*

*prattikament, skond is-soċjeta ntimata stess waslet għar-redundancy tar-rikorrent; Is-Sur Keith Psaila kien ben infurmat bl-iżvelar protett (Vide Dok Ġ) li kien għamel ir-rikorrent u sussġewentement għal tali zvelar, is-Sur Psaila kien saħansitra ikkontesta żieda fis-salarju tal-esponent mingħajr ebda ġustifikazzjoni valida sabiex jagħmel hekk;*

11.*Illi kif kien antiċipa r-rikorrent, is-Sur Keith Psaila eventwalement ikkonferma r-raġunament tal-Bord permezz ta' deċiżjoni datata 17 ta' Ottubru 2022 (Anness u mmarkat bħala 'Dok. F');*

12.*Illi r-raġunar tas-soċjeta ntimata sabiex tiġġustifika r-redundancy tar-rikorrent a bażi li ma kienetx ser tibqa toffri prodott lokali partikolari għas-suq malti huwa għal kollox abbużiv u illeġali, stante li r-rikorrent huwa mpjeġat bħala 'relationship manager' tal-klijenti tas-soċjeta ntimata (Vide Dok A), kemm dawk internazzjonali u kif ukoll dawk lokali, u huwa mhux marbut ma xi prodott partikolari jew mal-klijenti lokali biss bħal ma qed tallega s-soċjeta ntimata.*

13.*Illi bir-raġunar tagħha, s-soċjeta ntimata qed tipprova tbiddel unilateralment l-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-rikorrent bil-konsegwenza li qed tikser kemm l-obbligi kuntrattwali tagħha u kif ukoll il-liġi senjatament l-artikolu 10 tar-Regolamenti Dwar Kondizzjonijiet Tax-Xogħol Trasparenti u Prevedibbli maħruġa taħt il-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:*

*'L-ebda bidla jew modifika fil-kondizzjonijiet tal-impjieġ ma tista' issir wara l-bidu tal-impjieġ sakemm tali bidla jew modifika ma tkunx minħabba bidla fil-liġijiet, regolamenti jew ftehim kollettivli jirregola l-post tax-xogħol jew, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta'dan ir-regolament, jekk mhux minħabba t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-proviso għall-artikolu 42 tal-Att.'*

14.*Illi qed jiġi preċizat illi l-bdil unilaterali tal-kundizzjonijiet tax-xogħol da parti tas-soċjeta ntimata jikkostitwixxi reat, b'dan li 'kull persuna li fiż-żmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager,segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dawk ta' dik is-soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni jew kienet tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali titqies li tkun ħatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar mingħajr it-tagħrif*

*tagħha u li kienet eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex timpedixxi l-għemil tar-reat.'*

U wara li hekk ippremetta, talab lil din il-Qorti:

*Sabiex ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 527 toħroġ:*
*(a)ordni li teħtieġ lill-persuna li ħadet l-azzjoni ta'detriment li tirrimedja dik l-azzjoni; u/jew*
*(b) inibizzjoni.*

*Stante il-prossimita tad-data tat-terminazzjoni finali ossia 31 ta' Diċembru 2022 u l-preġudizzju irreparabbli li jinħoloq fil-konfront tar-rikorrent kemm il-darba jilħaq jitlef xogħolu darba għal dejjem bħala forma ta' tpattija għal żvelar protett, din l-Onorabbli Qorti qed umilment tintalab jgħoġobħa illi, sakemm tiddeċiedi dwar ir-rikors taħt l-artikolu surreferit:*

*(1) tagħmel ordni interim; jew tagħti inibizzjoni interim taħt dawk it-termini li jidħrilha xierqa (sa biex izomm lis-soċjeta intimata milli)* ***tkeċċi, jew tkompli għaddejja bit-terminazzjoni tal-impieġ, jew bi kwalunkwe mod tikkawzalu li jsoffri xi detriment jew preġudizzju ieħor minħabba l-mertu ta'dan ir-rikors jew kwalsiasi raġuni relatata miegħu, jew tieħu xi passi li jistgħu iċaħħdu lir-rikorrent mir-remunerazzjoni tiegħu, jew tbiddilu b'mod unilaterali l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu.***

*U kemm il-darba tkun sodisfatta li s-soċjeta ntimata ħadet jew bi ħsiebha tieħu azzjoni ta' detriment kontra r-rikorrent:*

*(2) tordna lill-persuna li ħadet jew bi ħsiebha tieħu azzjoni ta' detriment li tirrimedja dik l-azzjoni u tistabbilixxi l-ammont ta' danni, inklużi iżda mħux limitati għal, danni morali kif il-Qorti tista' tiddetermina, dovuti lir-rikorrent li sofra l-azzjoni ta' detriment.*

*(3) tordna l-ħlas tal-istess danni hekk likwidati fi zmien qasir u perentorju stabbilit minnha.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-risposta ta' STM Malta Pensions Services Limited ippreżentata fit-12 ta' Jannar 2023, permezz ta' liema eċċepiet:

1. *Illi fl-ewwel lok, u in linea ta' eċċezzjoni preliminari, qed jiġi eċċepiet illi l-forma tal-azzjoni proposta mir-rikorrenti, in kwantu jidher illi r-rikorrenti qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna u tinibixxi lill-eċċipjenti milli tittermina l-impieġ tar-rikorrenti in bażi tad-disposizzjonijiet tal-Kap 527 tal-Liġijiet ta' Malta, hija karenti u nieqsa minn żewġ formalitajiet essenzjali, u ċioe'; **(i)** illi r-rikorrenti naqas milli juża l-formola appożita, u ċioe' l-formola preskritta mil-liġi in riġward talba għal ħruġ ta' mandati ta' inibizzjoni, oltre illi **(ii)** mill-kopja li ġiet notifikata lill-eċċipjenti ma jirriżultax illi r-rikors promotur imressaq mir-rikorrenti huwa kkonfermat bil-ġurament mill-istess rikorrenti, kif meħtieġ skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 li jirregolaw il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji, fosthom mandat ta' inibizzjoni. Illi kwindi, u fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet essenzjali fil-forma tal-azzjoni mressqa mir-rikorrenti, tali azzjoni għandha tiġi dikjarata nulla u bla effett, u kwindi respinta bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

2. *Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepiet, fid-dawl tal-fatt illi t-talbiet imressqa mir-rikorrenti jittrattaw dwar it-terminazzjoni tal-impieg tiegħu, liema talbiet jinkwadraw ruħhom speċifikament fil-kompetenza u ġurisdizzjoni tal-Onorabbli Tribunal Industrijali, allura jiġi umilment eċċepiet illi din l-Onorabbli Qorti m' għandhiex il-kompetenza u ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi t-talbiet tar-rikorrenti.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepiet, u fil-mertu, jiġi umilment rilevat illi l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti, in kwantu qed jinvoka l-applikabbilita' tad-disposizzjonijiet tal-Kap 527 għall-każ in ezami, hija għal kollox infondata, kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, u għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti. Illi r-rikorrenti qed jallega illi t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu – liema terminazzjoni daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2021 u dan ai termini ta' ittra ta' terminazzjoni ta' impieg datata 29 ta' Settembru 2021 ("Dok. Ċ", mehmuż mar-rikors promotur) – hija konsegwenzjali u b' ritaljazzjoni għal ittra li ntbagħtet mir-rikorrenti, flimkien ma' impjegati oħra, lil Group Head Human Resources, datata 19 ta' Novembru 2021 ("Dok. B", mehmuż mar-rikors promotur), li permezz tagħha l-istess impjegati rrapportaw u lmentaw mal-amministrazzjoni tas-soċjeta' eċċipjenti dwar xi nuqqasijiet ta' terza persuna li kienet involuta fil-ġestjoni tas-soċjeta' eċċipjenti. Illi tali allegazzjoni tar-rikorrenti hija għal kollox fiergħa, inveritiera u mingħajr bażi, in kwantu t-terminazzjoni mill-impieg tar-*

*rikorrenti kienet konsegwenza ta' redundancy, u m' hija bl-ebda mod relatata u konnessa mal-kwistjonijiet sollevati mir-rikorrenti, u l-impjegati l-oħra fl-ittra msemmija, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

4. *Illi f' dan ir-riġward jiġi rilevat illi l-ittra in kwistjoni ntbagħtet lill-parent company ġewwa l-Inġilterra, u għalkemm id-diriġenti tas-soċjeta' eċċipjenti kienu nformati li ntbagħtet ittra minn diversi impjegati, ma ngħataw ebda informazzjoni la f' dak li jirrigwarda l-kontenut, u wisq inqas il-firmatarji fuq dik l-ittra; illi kien biss riċentement, u dan* ***wara*** *illi ntbagħtet l-ittra ta' terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti, illi d-diriġenti tas-soċjeta' eċċipjenti hawn Malta ġew a konjizzjoni tal-kontenut ta' dik l-ittra u min kien iffirmaha. Illi jkun utili illi jiġi rilevat, għal finijiet ta' kompletezza, illi kien hemm impjeġati, fost dawk li ffirmaw dik l-ittra, illi ngħataw promozzjoni, filwaqt illi oħrajn irriżenjaw mill-impieġ tagħhom u telqu minn jeddhom, u hemm oħrajn illi għadhom fl-istess impieg u fl-istess kariga. Illi għalhekk, l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi d-deċiżjoni tas-soċjeta' eċċipjenti illi tittermina l-impieg tar-rikorrenti, għalkemm in bażi ta' redundancy, kienet b' xi marbuta jew konsegwenzjali għal tali rapport, hija għal kollox infondata, u qed tiġi kkontestata mill-eċċipjenti.*

5. *Illi d-deċizjoni li wasslet sabiex l-impieġ tar-rikorrenti jiġi terminat, in bażi ta' redundancy, kienet unikament u esklussivament ibbażata fuq deċizjonijiet kummerċjali li s-soċjeta' eċċipjenti kien meħtieġ illi tieħu in rigward ta' xi prodotti intiżi li jinbiegħu fuq is-suq lokali, konsistenti f' STM Malta Occupational Retirement Pension Scheme li r-rikorrenti kellu jippromwuovi u jbiegħ, in kwantu rriżulta minn market surveys li saru mis-soċjeta' eċċipjenti illi l-bejgħ ta' tali prodotti fuq is-suq Malti ma kienx fattibbli u ser jirnexxi. Illi ladarba r-rikorrenti kien impjegat speċifikament sabiex imexxi u jbiegħ tali prodott fuq is-suq lokali, u ladarba l-eċċipjenti għarfet u waslet għal deċizjoni kummerċjali illi dan il-prodott ma kienx se jirnexxi u għalhekk il-bejgħ ta' dan il-prodott waqaf, allura konsegwentement l-impieg tar-rikorrenti kellu jiġi terminat, għaliex ma kienx hemm aktar utilita' u ħtieġa għas-servizzi tal-istess rikorrenti bħala impjegat tas-soċjeta' eċċipjenti.*

6. *Illi jsegwi għalhekk illi d-deċizjoni tas-soċjeta' eċċipjenti li tittermina l-impieg tar-rikorrenti ma għandha ebda konnessjoni mal-allegat "...żvelar intern li huwa kien għamel ftit xhur*

*qabel…", u kwindi m' għandha ebda applikabbilita' għall-każ odjern il-leġislazzjoni li r-rikorrenti qed jagħmel referenza għaliha fir-rikors promotur, u li in bażi tagħha qed jipproponi l-azzjoni odjerna, u ċioe' il-Kap 527 tal-Liġijiet ta' Malta.*

7. *Illi inoltre, minn qari tal-ittra li ntbagħtet mir-rikorrenti u l-impjegati l-oħra lid-diriġenti tas-soċjeta' estera ("Dok. Ċ", mehmuż mar-rikors promotur), ma jirriżulta ebda "improper practice" kif kontemplat fil-liġi speċjali, u l-kontenut ta' dik l-ittra huwa biss elenku ta' lmenti dwar in-nuqqasijiet ta' ħila fix-xogħol ta' persuna oħra impjegata fi ħdan is-soċjeta' eċċipjenti fi rwol maniġerjali. Illi allura din l-ittra ma tissodisfax ir-rekwiziti stabbiliti minn din il-liġi speċjali sabiex tgawdi mill-istatus ta' protected disclosure, b' hekk illi l-azzjoni odjerna hija għal din ir-raġuni wkoll għal kollox infondata u qed tiġi kkontestata mill-eċċipjenti.*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għal din l-aħħar eċċezzjoni, u in subsidium, ir-rikorrenti għandu jispeċifika x' kienu "… l-prattiċi mhux xierqa …" illi dwarhom qed jilmenta, u kif dawn affettwaw lilu personalment, u taħt liema mill-varji subinċiżi tad-definizzjoni ta' "improper practice" jinkwadraw ruħhom tali "prattiċi mhux xierqa", b' dan illi l-eċċipjenti qed tirriżerva d-dritt li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.*

9. *Illi fl-aħħar lok jiġi eċċepiet ukoll illi tmiem l-impieg tar-rikorrenti daħal fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2021, u għalkemm l-istess rikorrenti qed jilmenta li tali terminazzjoni kienet waħda inġusta, l-istess rikorrenti talab – u rċieva – l-aħħar paġa tiegħu li kienet tikkomprendi l-perjodu sal-aħħar ta' Diċembru 2021, u talab – u rċieva mal-istess paġa – l-unutilised leave li kien intitolat għalih tul is-sena in kwistjoni, liema ħlas sar lilu mis-soċjeta' eċċipjenti għas-saldu tal-pretensjonijiet tiegħu, u dan kif jirriżulta mill-iskambju ta' emails u l-payslip relattivi (Dok. X1).*

10. *Illi jsegwi għalhekk illi l-proċeduri odjerni, in kwantu jirrigwarda l-ewwel talba tar-rikorrenti, huma llum-il ġurnata superfluwi u mingħajr utilita', għaliex tmien l-impieg tar-rikorrenti daħal fis-seħħ. Illi għalhekk ir-rimedju li qed jinvoka l-istess rikorrenti, permezz tal-proċeduri odjerni, ma ssib ebda sostenn leġali, u kwindi m' hemm ebda danni x' jiġu likwidati a favur tar-rikorrenti.*

11. *Illi anzi għandu jirriżulta illi l-proċeduri odjerni huma frivoli u vessatorji fil-konfront tal-eċċipjenti, u huma ntiżi unikament sabiex jdejjqu u joskuraw lis-soċjeta' eċċipjenti. Illi dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt illi r-rikorrenti ġie nformat bit-terminazzjoni tal-impieġ tiegħu lura fid-29 ta' Settembru 2022; iżda kien biss fl-14 ta' Diċembru 2022 – ġimgħatejn biss qabel tmiem l-impieg tiegħu kellu jidħol fis-seħħ – illi hu ppreżenta l-azzjoni odjerna. Illi fl-umli fehma tal-eċċipjent, tali modus operandi da parti tar-rikorrenti, jindika malizzja u mala fede da parti tiegħu.*

12. *Illi għalhekk, u fid-dawl ta' dak hawn eċċepiet, is-soċjeta' eċċipjenti hija tal-umli fehma illi oltre illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, għandha tgħaddi sabiex tapplika fil-konfront tal-istess rikorrenti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu r-rikors odjern huwa għal kollox fieragħ u vessatorju, u kwindi r-rikorrenti għandu jiġi ordnat illi jħallas lis-soċjeta' eċċipjenti dawk il-penali u danni li jiġu likwidati minn l-Onorabbli Qorti.*

13. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma fit-13 ta' Jannar 2023[1] minn din il-Qorti kif diversament presjeduta meta ġie deċiż li preliminarjament għandhom jiġu indirizzati l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjeta konvenuta.

Rat id-digriet mogħti fit-13 ta' Jannar 2023[2] li permezz tiegħu l-Unur Tiegħu il-Prim Imħallef assenja din il-kawża lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma fit-2 ta' Mejju 2023[3], meta s-soċjeta konvenuta irtirat l-ewwel eċċezzjoni u l-kawża tħalliet għal deċiżjoni fuq it-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta konvenuta.

## **PRELIMINARI**

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proċeduri odjerni l-attur jallega li s-soċjeta' konvenuta għamlet diversi atti ta' detriment fil-konfront tiegħu, inkluz billi tterminatlu

[1] A fol 63.
[2] A fol 64.
[3] A fol 78.

l-impjieg, bħala tpattija għal żvelar li hu u impjegati oħra għamlu dwar l-imġieba u t-tmexxija tal-Kap Eżekuttiv tal-kumpanija Deborah Schembri.

Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha s-soċjeta konvenuta ssollevat l-eċċezzjoni tal-kompetenza, *ratione materiae*, ta' din il-Qorti peress illi fil-fehma tagħha t-talbiet ta'l-attur "*jittrattaw dwar it-terminazzjoni tal-impieg tiegħu",* kwistjonijiet li huma fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

Illi l-provi mressqa sa dan l-istadju jikkonsistu f'dokumenti u korrispondenza marbuta mal-ingaġġ tal-attur fl-impjieg tiegħu u mat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, inkluż korrispondenza dwar il-ħlas u flus oħra li rċieva mat-terminazzjoni tal-impjieg. Tressqu wkoll dokumenti marbuta mal-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali.

Illi minn dawn id-dokumenti jirriżulta mhux kontest li:
- l-attur kien impjegat mas-soċjeta konvenuta, għal żmien indefinit, sa mit-12 ta' Mejju 2020;
- f'l-aħħar tas-sena 2021 sar l-iżvelar;
- fid-29 ta' Settembru 2022 is-soċjeta konvenuta itterminat l-impjieg ta'l-attur b'effett mill-31 ta' Diċembru 2022;
- f'l-14 ta' Diċembru 2022 inbdew il-proċeduri odjerni;
- fil-31 ta' Diċembru 2022 it-terminazzjoni ta'l-impjieg ta'l-attur saret effettiva;
- fis-17 ta' Frar 2023 l-attur beda proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

Illi kif intqal permezz ta'l-eċċezzjoni minnha sollevata s-soċjeta konvenuta qed tikkontendi li l-kawża odjerna qatt ma setgħet tinbeda quddiem din il-Qorti imma quddiem it-Tribunal Industrijali.

Illi għalhekk, u indipendentement mill-proċeduri li hemm pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali u x'qed jintalab mill-attur f'dawk il-proċeduri, dak li jrid jiġi determinat permezz ta' din is-sentenza huwa jekk it-talbiet ta'l-attur kif dedotti fir-rikors ġuramentat odjern għandhomx jiġu trattati u deċiżi minn din il-Qorti jew inkella mit-Tribunal Industrijali.

Ikkunsidrat

Illi l-eċċezzjoni in eżami hi bażata fuq l-artikolu 741(b)  tal-Kodiċi t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li fil-

paragrafu (b) jipprovdi li l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata:

*meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:*

Illi mbagħad fil-paragrafu (d) l-istess artikolu jipprovdi li:

*Kull referenza għal "qorti" fl-ewwel sentenza u fil-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu għandha titqies li tinkludi referenza għal Bord jew Tribunal imwaqqaf b'liġi,... ... .*

Illi skond prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza kwistjonijiet ta' kompetenza għandhom jiġu determinati a bażi tal-premessi u l-konsegwenti talbiet attriċi kif jirriżultaw mir-rikors ġuramentat. Fis-sentenza mgħotija f'l-24 ta' Mejju 2016 fil-kawża fl-ismijiet *L-E.T. Giovanni Umberto De Vito noe vs Alfred Dimech*[4] fil-fatt ġie ribadiet li:

*Huwa paċifikament aċċertat illi l-kompetenza tal-Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjoni mogħtija mit-termini ta'l-azzjoni attriċi. Hu l-att promotur, kif intavolati t-talbiet u l-premessi tagħhom, li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tagħha.*

Illi dan ifisser li l-eċċezzjoni in eżami għandha tigi ikkunsidrata fid-dawl tat-talbiet ta'l-attur indipendentement minn dak li qed jitlob quddiem it-Tribunal Industrijali. F'dan ir-rigward għandu jigi rilevat li waqt is-sottomissjonijiet magħmula f'isem is-soċjeta konvenuta saret referenza għall-kawżali u għat-talbiet ta'l-attur fil-proċeduri quddiem it-Tribunal u kif dawn jimpingu fuq il-kompetenza ta' din il-Qorti f'dan il-każ. Dan huwa żbaljat. Kieku l-eċċezzjoni sollevat kienet waħda dwar *litis pendentia* analiżi komparattivi taż-żewġ proċeduri kienet tkun mhux biss utli imma essenzjali. L-eċċezzjoni sollevata hija dik dwar kompetenza għalhekk, u in linea ma' dak li tipprovdi il-ġurisprudenza, l-analiżi li trid issir hija tal-premessi u tat-talbiet kif dedotti fil-każ li fil-kors tiegħu ġiet sollevata l-eċċezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi minn qari tar-rikors promotur jirriżulta li l-attur qed jallega li wara li hu u persuni oħra għamlu żvelar intern protett dwar ic-CEO tas-soċjeta konvenuta huwa safa fil-mira ta' diversi atti ta' detrimient tul ix-xhur li

[4] Sentenza mgħotija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

segwew. Dejjem skond ma jallega l-attur, dawn l-atti ta' detriment mhux biss kienu ta' pregudizzju ghas-saħħa u għall-istat finanzjarju tiegħu, imma bħala riżultat tagħhom inħalqet skuża ta' redundancy biex is-soċjeta konvenuta tkun tista' titterminalu l-impjieg.

Illi fil-fatt permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob lil din il-Qorti toħroġ ordni/inibizzjoni, ordni interim jekk ikun il-każ, u, jekk tkun sodisfatta li s-soċjeta' konvenuta ħadet jew bi ħsiebha tieħu azzjoni ta' detriment kontra l-attur, tordna li tkun rimedjata dik l-azzjoni u tistabbilixxi l-ammont ta' danni, inklużi danni morali li għandhom jitħallsu; dan skond l-artikolu 7 tal-Kap 527 (l-Att dwar il-Protezzjoni ta'l-Infurmatur).

Illi l-Kap 527, f'l-istess artikolu 7, jistabilixxi li kwistjonijiet relati ma' azzjoni ta' detriment, inkluż dawk fur il-post tax-xogħol, ghandhom jiġu trattati quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Fil-fatt fis-subartikolu (1) l-artikolu 7 jipprovdi li:

> *persuna li temmen li azzjoni ta' detriment ittieħdet jew tista' tittieħed kontra tagħha bħala tpattija għal żvelar protett tista' tippreżenta rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għal ...*

Illi l-artikolu 7 mbagħad ikompli biex jelenka dawk ir-rimedji li jistgħu jintalbu lill-Prim'Awla f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Illi skond it-tifsira mgħotija lill-frażi 'azzjoni ta' detriment' fl-artiklu 2 tal-Kap 527 din tinkludi:
*(a) azzjoni li tikkaġuna offiża, telf jew ħsara; u, jew*
*(b) vittimizzazzjoni, intimidazzjoni jew għoti ta' fastidju;u, jew*
*(ċ) detriment fuq il-post tax-xogħol; u, jew*
*(d) prosekuzzjoni taħt l-artikolu 101 tal-Kodiċi Kriminali dwar kalunnja; u, jew;*
*(e) proċeduri ċivili jew kriminali jew proċeduri dixxiplinari;*
Għalhekk meta isseħħ waħda jew aktar minn dawn l-azzjonijiet il-persuna aġġravata tista tirrikorri għand il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għal xi rimedju elenkat f'l-artikolu 7.

Illi permezz tal-proċeduri odjerni l-attur qed jallega azzjoni ta' detrimenti fil-konfront tiegħu perpetrati mis-soċjeta konvenuta; ir-rimedji minnu mitluba huma dawk elenkati f'l-artikolu 7. Għalhekk jidher li l-attur kien korrett meta adixxa lil **din** il-Qorti b'ilmenti tiegħu.

Illi s-soċjeta konvenuta da parti tagħha pero tikkontendi li t-talbiet ta'l-attur *"jinkwadraw ruħhom speċifikament fil-kompetenza"* tat-Tribunal Industrijali ad eskluzzjoni għal dik ta' din il-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi għandu jiġi rilevat li s-soċjeta konvenuta ma speċifikatx fuq liema artikolu tal-Kap 452 qed tibbaża t-teżi tagħha li l-każ in eżami huwa ta' kompetenza esklussiva tat-Tribunal stante li tgħid biss b'mod ġeneriku li fil-fehma tagħha *t-talbiet imressqa mir-rikorrenti jittrattaw dwar it-terminazzjoni tal-impieg tiegħu.*

Illi l-kompetenza tat-Tribunal Industrijali jipprovdi għaliha l-artikolu 75 tal-Kap 452:

> *(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi :-*
>
> *(a) il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;*
>
> *(a) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta'tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u*
>
> *(ċ) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,*
>
> *għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:*
>
> *Iżda ... ....*

Illi huwa ċar minn qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet li mhux il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-impjieg u t-terminazzjoni tiegħu huma fdati fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali, imma biss dawk il-kwistjonijiet elenkati fis-subartikolu (1) ta'l-artikolu 75. Dan ifisser li jista' jkun hemm kwistjonijiet relatati ma l-impjieg u t-terminazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu dibattuti fil-qrati ordninarji.

Illi relevanti f'dan ir-rigward huwa l-artikolu 30 tal-istess Kap 452. F'din id-dispożizzjoni huwa speċifikatament stabbilit li kwistjonijiet dwar vittimiżazzjoni u diskriminazzjoni[5] waqt l-impjieg huma ta' kompetenza tat-Tribunal pero jekk l-istess fatti jagħtu lok għal rimedji oħra taħt liġijiet oħra

[5] Kif ukoll kwistjonijiet dwar ugwaljanza u fastidju.

l-azzjoni tentata quddiem it-Tribunal tkun mingħajr pregudizzju għal kull azzjoni oħra li tkun tista' tirrikorri għaliha l-persuna aggravata skond dik il-liġi l-oħra.

> *30. (1) Persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa.*
> *(2) … …*
> *(3) … …*
> *(4)* ***Kull azzjoni meħuda minn persuna li tagħmel ilment skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li dik il-persuna li tagħmel l-ilment tkun tista' tieħu skont xi liġi oħra li tgħodd u tkun ukoll mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li għaliha jista' jkun suġġett ir-rispondent skont xi liġi oħra li tgħodd.***[6]

Illi dwar il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali il-Qrati tagħna pronunzjaw ruħhom diversi drabi. Fis-sentenza fl-ismijiet *Mary Doris sive Doris Camilleri vs St Paul's Court Limited et.*[7] ntqal li:

> *ġie għadd ta' drabi mfisser mill-Qrati tagħna li l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa (imsejħa "ġurisdizzjoni ordinarja") li jħaddnu dawn il-Qrati, u* ***l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali, mnissla minn dispożizzjoni ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħroġ lil hinn mil-limiti stretti mfissra f'dak il-liġi speċjali.***[8]

Illi dan l-istess prinċipju ġie ribadiet f'sentenza aktar riċenti, *Joseph Avellino vs Citadel Insurance plc*[9], mgħotija mill-Qorti ta'l-Appell, fejn dik il-Qorti rrifferiet b'approvazzjoni għall-bran appena ċitat u qalet li:

> *ladarba l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa ta' dawn il-Qrati, l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali mnissla mill-provvedimenti ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħroġ lil hinn mil-limiti stretti li huma maħsuba f'dik il-liġi speċjali.*

[6] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.
[7] Mgħotija fil-25 ta' Settembru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.
[8] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[9] Mgħotija fit-12 ta' Lulju 2019.

> *Hekk ukoll kif ritenut drabi oħra mill-qrati tagħna, s-setgħa tal-Qorti hekk imsejħa "ordinarja", li tisma' kawża mressqa quddiemha tibqa' sakemm ma jirriżultax li dik is-setgħa ġiet imneħħija b'mod espress permezz ta' provvediment tal-liġi*

Illi huwa minnu li l-attur jsemmi t-terminazzjoni ta'l-impjieg tiegħu fir-rikors promotur u saħansitra jgħid li l-atti ta' detriment ikkulminaw fid-deċiżjoni tas-soċjeta konvenuta li tittermina l-impjieg tieghu[10]. Huwa pero jallega ukoll kien hemm diversi atti ta' detriment fix-xhur immedjatament wara l-iżvelar u jallega ukoll li anke d-deċiżjoni li l-impjieg tiegħu ghandu jiġi terminat a bażi ta redunduncy u l-appell li sar minn din id-deċiżjoni u l-mod kif twettaq dan l-appell kienu atti ta' detriment. Għalhekk dak li qed jiġi mistħarreg fil-proċeduri odjerni huwa distint minn dak li jista' jiġi mistħarreġ mit-Tribunal Industrijali.

Illi din il-Qorti, kif diversament presjeduta, kellha l-opportunita tippronunzja ruħha dwar il-kompetenza tal-qrati ordinarja f'kwistjonijiet li jikkonċernaw atti ta' detriment taħt il-Kap 527 meta f'l-istess każ jista' jagħti lok għal proċeduri kontemporanji quddiem it-Trinumal Industrijali[11]. F'din is-sentenza, mgħotija fil-kawża *Coseraru vs Bank of Valletta plc*[12], fejn il-fatti kienu simili għal tal-każ odjern[13], il-Qorti qalet hekk:

> *So it is apparent that in similar situations as the case in front of this court, the clear intention of the legislator was to allow actions being filed concurrently both under Cap 452 of the Laws of Malta in front of the Industrial Tribunal and under Cap.527 in front of the First Hall Civil Court. One does not exclude the other but thus certainly exclude the application of the litis pendentia invoked. This is possible because the jurisdictions don't overlap. Whilst, for the purpose of the present case, the remit of the Industrial Tribunal is to investigate and provide redress as necessary with regard to alleged victimisation referred to in article 28 of the Act and in accordance with article 30 of Cap 452, the remit of the Court in these proceedings is to investigate whether a detrimental action has been taken or is to be taken against a person in reprisal for a protected disclosure in line with article 7 of Cap 527. Should that be the case, a monetary compensation may be awarded.*

---

[10] Il-premess numru 5.

[11] Is-sentenza li għaliha qed issir referenza kienet qed tiddecidi eċċezzjoni dwar *lis alibi pendens* u mhux waħda ta' ġurusdizzjoni jew kompetenza, pero l-konsiderazzjonijiet japplikaw għall-każ in eżami.

[12] Deċiża fit-8 ta' Marzu 2023.

[13] F'dik il-kawża l-attur l-ewwel beda proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali u eventwalment beda proċeduri quddiem il-Prim Awla a bażi tal-Kap 527.

Illi din il-Qorti taqbel pjenamant ma' dawn il-konsiderazzjonijiet u hija konvinta li l-attur kien korrett meta ressaq l-ilmenti odjerni tiegħu quddiem din il-Qorti.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad it-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta bl-ispejjeż kontra tagħha** u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**